Moviment Solidarjetà
Ħajja · Familja · Libertà

# *KONFERENZA STAMPA KONĠUNTA*
## *Partit Popolari - Moviment Solidarjetà*

**Huma l-koppji żgħażagħ, il-familji bi dħul baxx, il-ħaddiema, l-anzjani uż-żgħażagħ l-aktar li jbatu bl-għoli tal-ħajja. Il-Gvern huwa obbligat li jgħin l-iktar lil familji u persuni b'dħul baxx biex ma jaqgħux f'riskju ta' faqar.**

L-għoli tal-ħajja l-aktar li jinħass hu fil-prezzijiet tal-ikel, mediċini, u spejjeż oħra tal-ħajja, bħalma ngħidu aħna f'dan iż-żmienijiet, spejjeż marbuta mal-edukazzjoni. Għal ħafna koppji żgħażagħ l-għoli tal-ħajja jinħass fil-prezz tal-propjeta li sar jaqta l-qalb ta' bosta żgħażagħ li jittamaw li jkollhom il-propjeta tagħhom u jrabbu familja.

L-akbar problema tal-għoli tal-ħajja tirriżulta mil-fatt li paga baxxa, paga minima, ma twassalx biex familja tkun tista tgħix b'mod dinjituż, u familji b'paga baxxa jibdew imissu mal-probabilita li jiffaċċjaw il-problema tal-faqar.

Għalhekk, il-Gvern irid jara li b'żieda ta' €13, mħabbra għal-għoli tal-ħajja, ma jkunx dan l-istess *budget* li fih il-bomba tal-ħin tal-għoli tal-prezzijiet, speċjalment tal-ikel u prodotti oħra mill-aktar essenzjali bħal-mediċini u bżonnijiet oħrajn.

Qed nitolbu lil Gvern sabiex joħloq l-aħjar ċirkustanzi u inizzjattivi biex din iż-żieda tal-għoli tal-ħajja ma tkunx piż għal sid il-ħanut, l-importatur jew distributur tal-prodotti l-iktar essenzjali, speċjalment jekk dan ikun negozju żgħir, ġaladarba din l-ispiża ikollha tagħmel parti mill-prezz finali u fuqha jerġa ikun hemm il-*VAT*. Dan kollhu finalment ikollhu jitħallas mill-konsumatur.

Jekk il-Gvern ma jieħux l-aħjar deċiżjonijiet possibli wara djalogu ma' dawk kollha involuti, dan il-*budget* jista jkun r-raġuni ta' żieda mmedjata fil-prezzijiet ta' l-aktar prodotti essenzjali għall-familija Maltija u Għawdxija u anke li toħnoq u żżid l-ispiża lin-negozju żgħir jew agħar, iktar burokrazija żejda.

Nfakkru li jekk jiżdiedu l-ispejjez rikorrenti u magħhom r-*running costs* tan-negozji, dawn jieklu mill-qliegħ tas-sid tan-negozju żgħir li mbagħad jiżdiedu lill-konsumatur.

Spejjeż li jinkludu:

- † Burokrazija (*fees*) marbuta ma ħlas tat-taxxa, VAT, jew obbligazzjonijiet oħra legali
- † Spiża ta' ħlas ta' dawl, ilma u *fuel*
- † Applikazzjonijiet għall-permessi u ħlasijiet għal-servizzi oħra tal-Gvern, u banek
- † Spejjeż tal-ġarr tal-merkanzija
- † L-ispejjeż ta' fuel moħli li jġib miegħu il-konġestjoni u ttardjar kkawżat min toroq magħluqin
- † Il-pagi tal-Ħaddiema
- † Spejjeż marbuta maż-żamma ta' vetturi u ħlas ta' liċenzji
- † Spejjeż ta' awdituri u ħlasijiet ta' professjonisti
- † Ħlasijiet ta' riklami u servizzi oħra meħtieġa biex tmexxi negozju.

**EĊĊ...**

Dan il-*budget* jeħtieġ li jiffaċja l-kriżi ta' sfiduċja li terz tal-elettorat għandu fil-politika tal-*establishment* politiku ta' pajjiżna.

Dan l-*establishment* politiku, permezz tal-*budget* irid jara, għal-ġid tal-Pajjiż, kif jibgħat messaġġ ċar ta' impenn għal-serjetà, lejn is-sewwa, u korrettezza morali. Hekk f'dan il-Pajjiż jirnexxielna noħolqu fiduċja, u mhux qtiegħ il-qalb.
**Tama, u mhux biża mill-ġejjieni.**

Fil-ġejjieni immedjat issa rridu bħala pajjiż naffaċjaw l-effetti ekonomiċi u soċjali li ser iġibu fuqna iż-żewġ gwerer. Speċjalment l-effetti tagħhom fuq l-għoli tal-Ħajja f'Pajjiżna. Żieda fil-prezz tal-enerġija li tista tkompli tfaqqar l-Ewropa. Il-biża mir-realtà tar reċesjoni u kull instabilità li tista ġġib magħha il-gwerra.

F'din ir-realtà ta' inċertezza, pajjiżna ma jaffordjax li jkun mirbuħ mill-isfiduċja fil-ġejjieni tiegħu stess.
Biex naffaċċjaw futur diffiċli jeħtieġ ikollna t-tama u jekk m'hux ser noħolquha, l-ebda tkabbir ekonomiku m'hu ser ikun reali u sostenibbli.

Ma nistgħu qatt ngħidu li pajjiżna qed jikber ekonomikament, jekk mhux ser jirnexxielna noħolqu tama f'terz taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li jistħu jgħidu li twieldu f'Pajjiżna.

Jekk mhux ser jirnexxielna noħolqu fiduċja fil-51.2% ta' dawk il-persuni li għalqu sal-50 sena, li jagħmlu terz tal-elettorat globali Malti, ser inkunu qed infallu magħna nfusna, u bħala Pajjiż niftaqru mill-ikbar sors ta' enerġija li għandu bżonn, il-

fiduċja tal-Poplu tagħna fil-ġejjieni tiegħu u ta' Pajjiżu.

Biex dan isir ma nistgħux naraw Gvern li jitfa t-tort fuq il-produtturi, importaturi, u distributuri tal-ikel ul-prodotti essenzjali. Ma jistax il-Gvern jitfa l-ħtija tiegħu fuq ħaddieħor.

Bit-taqbida (*lotta*) tal-klassijiet ma noħolqux fiduċja fil-Pajjiż, dik ma hijiex il-komunikativa li neħtieġu.

✝ Il-bniedem hu valur li jeħtieġ jiġi stmat.
✝ Il-ġid komuni huwa valur li jeħtieġ jiġi rrispettat.
✝ L-isfidi għal-kulħadd huma l-istess. Ejjew niġbdu ħabel wieħed, u b'solidarjetà lejn l-iktar il-familji u persuni dgħajfa fis-soċjetà tagħna, nuru li fuq l-egoiżmu kapaċi jiebaħ il-valur tal-ġid komuni fejn il-bniedem huwa prijorità qabel kull interess ieħor partiġġjan.

Jekk nirbħu flimkien dawn l-isfidi nkunu kapaċi flimkien nikbru bħala poplu kburi bis-suċċess ta' pajjiżna, **fejn kull persuna għandha postha.**

Moviment Solidarjetà
Ħajja · Familja · Libertà